**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021.**

**Rikors Guramentat Nru: 166/2019 AGV**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 28 ta' Gunju, 2019 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Marzu, 2003 u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, D li twieled nhar it-3 ta' Awwissu, 2003 u

E li twieled nhar l-10 ta’ Novembru, 2004;

2. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenut rrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi u ingurji gravi fil-
konfront ta’ martu l-esponenti, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

3. Illi jinghad illi l-konvenut anke biddel is-serratura tal-fond konjugali fl-indirizz, 44, “Marigold” Flat 1, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi minghajr il-kunsens ta’ martu u minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti u konsegwentement martu giet prekluza milli teccedi l-istess;

4. Illi jinghad illi sfortunatament minhabba suppervja da parti tal-konvenut li prattikament qatt ma kkollabora u rarament attenda seduti ta’ medjazzjoni, il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess u ghall-ftehim bonarju; u fil-fatt il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta’ digriet datat 6 ta’ Mejju, 2019.

**Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta’ martu l-esponenti, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta’ liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri esklussivament f’idejn ir-rikorrenti omm, b’dana illi l-minuri jirrisjedu mal-omm, li tkun tista’ tiehu

d-decizzjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, esklussivament minnha minghajr il-htiega tal-firma tal-konvenut;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jghalqu tmintax -il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;

4. F'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tieni talba taghha fir-rigward ta' fejn ser ikunu qed jabitaw it-tfal, tiffissa granet u hinijiet t' access ampju, inkluz sleepovers, illi r-rikorrenti ghandu jkollha versu uliedha, inkluz provvediment dwar gheluq snin ir-rikorrenti, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid, tal-Karnival u tal-Milied;

5. Tordna li c-children's allowance u kwalsiasi beneficcju iehor in konnessjoni mal-minuri ghandu jigi ppercepit mill-esponenti omm;

6. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond il-bzonnijiet taghha b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu;

7. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

8. Ixxoji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominati sabiex jistmaw il-proprjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

9. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel iz-zwieg u benefikati li saru fiz-zwieg fi proprjeta' parafernali tal-intimat u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominate, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

10. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li titlef kull dritt li jiret lill-esponenti;

11. Skont rikors datat 18 ta' Jannar, 2021 u digriet data 5 ta' Frar, 2021, zdiedet it-talba, "tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia F".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti mill-attrici.

Semghet il-provi prodotti.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta' April, 2021, fejn irtirat it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet.

Rat ir-rapport tal-perit Godwin Abela datat27 ta' Novembru, 2020.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi bin-nuqqas ta' risposta tal-konvenut, il-provi prodotti mill-attrici ma gewx kontradetti, u ghalhekk il-Qorti qed tikkunsidra l-istess provi bhala fatti. Minn dawn il-provi, ghalhekk, irrisulta li meta kienu ghadhom johorgu flimkien bhala gharajjes, l-attrici marret tghix mal-konvenut u l-familja tieghu, peress illi hu kien jahdem bhala pulizija b'hinijiet u granet ta' shift dejjem differenti, u b'hekk jiltaqghu aktar. Tghid li tant kien jghir ghaliha li sahansitra kien isakkarha fil-kamra meta jkun ta' bil-lejl, ghax ma riedx li huh stess jittantaha. Anke qabel ma zzewgu kien fizikament vjolenti maghha. Kienu hassru r-relazzjoni darbtejn izda

regghu marru flimkien, u l-attrici harget tqila mill-konvenut u ddecidew li jizzewgu.

Wara t-twelid ta' l-ewwel wild, l-attrici harget tqila bit-tieni. Marru jghixu l-Mellieha fi proprjeta' tal-familja tal-konvenut. Fl-istess waqt li l-konvenut kien membru tal-Korp tal-Pulizija, kien jghin lil huh f'kumpanija kummercjali, li mbaghad inxtrat mill-partijiet fuq isem l-attrici. Fil-frattemp l-incidenti vjolenti zdiedu. L-attrici tghid li kienet sabet messaggi fuq il-mobile tieghu ma' nisa ohra. Kienet ikkonfrontatu izda hu kien innega. Sadanittant marru jghixu s-Siggiewi, f'dar li bnew huma stess, u ftit wara kien sar President tal-klabb tal-futbol tas-Siggiewi. Hi qatt ma rrappurtat lill-konvenut fuq il-vjolenza peress illi hu kien Pulizija, u bezghet taghmel rapport. Kienet biss tmur il-klinika taghmel certifikat tal-griehi. Kien lejn l-ahhar tar-relazzjoni li ghamlet rapporti lill-Pulizija. Mill-kumplament tal-affidavit tal-attrici, jidher li r-relazzjoni ta' bejniethom saret insopportabbli, u l-Qorti ma thossx li ghandha tirrepeti d-diversi ezempji li gabet l-attrici. Uhud mill-provi prodotti minna gew sahansitra korroborati minn dokumenti jew ritratti, jew minn xhieda ohra.

Huwa manifest li l-konvenut jahti tal-firda bejn il-partijiet. Illi ghalhekk ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tieghu. In vista li gew ceduti t-talbiet ghall-manteniment favur it-tfal, il-Qorti tista' tghaddi ghall-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Mill-provi prodotti mill-attrici, irrisultaw is-segwenti proprjetajiet u mobbli;

Assi Immobbli

1. Id-dar konjugali fl-indirizz 44/1 Marigold, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, li nbniet fis-sena 2004 u cioe' fiz-zwieg, fuq art parafernali tal-konvenut Aaron Farrugia. Mir-rapport redatt mill-Perit Godwin Abela, l-istima tal-

benefikati meta nbena l-fond a bazi tar-rati tal-inflazzjoni kif ippublikati fil-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta u jiddikjara li l-istima tal-benefikati fis-sena 2004 kienet ta' €120,248;

2. Garaxx fl-indirizz A1, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, li nbena fis-sena 2004, u cioe' fiz-zwieg fuq art parafernali tal-konvenut CB. Mir-rapport redatt mill-Perit Godwin Abela, l-istima tal-benefikati meta nbena l-fond a bazi tar-rati ta' inflazzjoni, kif ippublikat fil-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u jiddikjara li l-istima tal-benefikati fis-sena 2004 kienet ta' €7,753.

3. Garaxx fl-indirizz A2, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, li wkoll inbena fis-sena 2004 u cioe' fiz-zwieg, fuq art parafernali tal-konvenut CB. Mill-istess rapport redatt mill-Perit Godwin Abela, l-istima tal-benefikati meta nbena l-fond a bazi tar-rati ta' inflazzjoni kif ippublikat fil-Kap 158, tal-Ligijiet ta' Malta, u jiddikjara li l-istima tal-benefikati fis-sena 2004 kieneta ta' €31,047.

4. Il-Hanut bl-isem Evolution fi Triq il-Vitorja, gewwa Hal Qormi, minn fejn topera u tahdem l-attrici li l-partijiet akkwistaw fiz-zwieg u liema l-Perit Godwin Abela, ivvaluta versu l-valur ta' €95,000.

Illi ghalhekk, it-total tal-assi immobiljari tal-komunjoni tal-akkwisti, jammonta ghal €254,048, u ghalhekk sehem l-attrici huwa ta' €127,024.

Il-Qorti taqbel ma' dak propost mill-attrici fis-sottomissjonijiet taghha, jigifieri li hija tigi assenjata l-hanut fl-indirizz Evolution, fi Triq Vitorja, gewwa Hal Qormi, bil-valur ta' €95,000, fl-intier, u cioe' nofs sehem indiviz ta' zewgha tal-fond idur fuqha, u zewgha jigi ordnat ihallasha d-differenza ta' €32,024, filwaqt li l-kumplament tal-propjetajiet jigu assenjati lilu.

Assi Mobbli

1. Il-vettura tal-marka Peugeot 406, bin-numru tar-registrazzjoni FAB-878, intestata fuq isem l-attrici;

2. Il-vettura tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni UBH-036, intestata fuq isem il-konvenut;

3. Il-vettura tal-marka Range Rover Evoque, bin-numru tar-registrazzjoni DNR-777, li nxtrat fiz-zwieg ghal €40,000 u l-konvenut qeleb fuq missieru GB fis-sena 2017, ezatt kif l-attrici fethet il-proceduri ta' separazzjoni, kif ukoll il-vettura tal-marka BMW bin-numru tar-registrazzjoni DNR-111, li l-konvenut biegh lill-eks tfajla tieghu HI versu l-valur ta' €10,000;

4. Il-Polza tal-Assigurazzjoni mizmuma mal-MSV Life, tat-tip Maximum Investment Plan, bir-referenza AP017470E1, li skont ix-xhieda ta' Daphne Mallia, f' Jannar 2017, giet estiza ghal ghaxar snin ohra u li ghandha surrender value ta' €24,782.41 jew somma ohra verjuri li ser tirrizulta dak iz-zmien li timmatura;

5. Il-flejjes li hemm depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti permezz ta' tlitt cedoli bin-numri 116/16, 117/16 u 88/19, bl-ammont komplessiv ta' €16,830.87;

6. Il-Mobbli u l-ghamara li hemm fid-dar konjugali b'valur komplessiv ta' €79,502.18, skond in-nota tal-attrici prezentata nhar it-30 ta' Marzu 2021;

   Illi ghalhekk, it-total tal-assi mobbiljari tal-komunjoni tal-akkwisti jammonta ghal €171,115.46 u ghalhekk sehem l-attrici huwa ta' €85,557.73.

Fil-fehma tal-Qorti, kull parti ghandha zzomm il-vettura li hija ntestata f'isimha, filwaqt li l-konvenut ghandu jirrifondi lil martu, is-somma ta' €20,000, rapprezentanti sehemha mir-Range Rover Evoque li huwa trasferixxa fuq isem missieru u €5,000 rapprezentanti sehemha mill-BMW li huwa trasferixxa fuq isem Kimberly Psaila, minghajr il-kunsens ta' martu u/jew l-awtorizazzjoni tal-Qorti.

Hawnhekk ukoll il-Qorti taqbel ma' dak suggerit mill-attrici, u cioe' li hi tigi assenjata l-polza tal-asigurazzjoni mizmuma mal-MSV Life fl-intier taghha, bil-valur ta' €24,782.41, jew somma ohra verjuri li ser tirrizulta, flimkien mat-tlitt cedoli li hemm depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti bil-valur komplessiv ta' €16,830.87, fil-waqt li l-konvenut jigi ordnat ihallas id-diskrepanza ta' €43,944.45 rapprezentanti sehem l-attrici mill-mobbli, ghamara w valur tal-vetturi, bhala ekwiparazzjoni.

Kwantu ghan-negozju li kellu l-konvenut fuq ismu personali, li bih kien jimporta, ibiegh u jissuplixxi pet food u prodotti simili lill-hwienet, u ghal liema l-attrici qatt ma hadet sehemha, il-konvenut ghandu jzomm kull qliegh in konnessjoni mal-istess flimkien ma' kull dejn iehor li huwa kkontratta ma' terzi ad insaputa tal-attrici u/jew b'konsegwenza tan-negozju li huwa ghandu bl-isem DNR.

Assi Parafernali

Illi mill-kontijiet bankarji annessi mal-affidavit tal-attrici u mmarkati Dok AF 1, Dok AF 2, u Dok AF 12 a fol 53 u 72 et seq tal-process, jirrizultaw il-hlasijiet sostanzjali li hi harget mill-kontijiet parafernali taghha. Fil-fatt, jirrizulta li l-attrici hallset mill-kontijiet bankarji parafernali taghha s-segwenti flejjes : Lm1,695.17 u Lm5,779.36 qabel iz-zwieg, sabiex il-partijiet setghu jirrangaw inizzjalment id-dar tal-Mellieha biex irrendewha abitabbli u sussegwentement

biex inbniet id-dar matrimonjali tas-Siggiewi u anke biex inxtara l-hanut ta' Hal Qormi minn fejn l-attrici sussegwentement bdiet tahdem;

Illi stante li jirrizulta ampjament illi dawn il-flejjes hargu mill-kontijiet parafernali tal-attrici u intefqu fiz-zwieg, hija trid tigi rifuza s-somma ta' Lm7,474.53, ekwivalenti ghal €17,410.96 fi kreditu parafernali.

In riassunt ghalhekk, l-ekwiparazzjoni dovuta lill-attrici, ladarba hi qed tigi assenjata l-hanut bil-valur ta' €95,000, il-polza mizmuma mal-MSV Life fl-intier taghha, bil-valur ta' €24,782.41 jew somma verjuri li tirrizulta, u t-tlitt cedoli bil-valur ta' €16,830.87, hija ta' €75,968.45 u dan skont is-segwenti kalkolu matematiku:

Valur Assi Immobiljari u Benefikati: €254,048.00 +
Valur Assi Mobbli: €171,115.46
Total: €425,163.46;

Ghalhekk sehem l-attrici huwa ta' €212,581.73. Jekk minn dik is-somma jitnaqqsu l-valur tal-hanut, tal-polza u tac-cedoli, jifdal bilanc dovut lilha mill-konvenut fl-ammont hawn indikat:

Sehem l-attrici: €212,581.73 –
Valur Hanut: €95,000.00
Cedoli: €16,830.87
Valur Polza: €24,782.41
Total Dovut: €75,968.45 in ekwizaprazzjoni bhala sehemha mill-komunjoni.

Konsegwentement, jekk jinghaddu flimkien l-ekwiparazzjoni hawn fuq indikat u l-kreditu parafernali, il-bilanc dovut lill-attrici jizdied skond dak indikat hawn taht;

| | |
|---|---|
| Ekwiparazzjoni: | €75,968.45 + |
| Kreditu Parafernali: | €17,410.96 |
| Total: | €93,379.41 |

Dan oltre l-assenjazzjoni favur l-attrici tal-hanut, tac-cedoli li hemm taht l-awtorita' tal-Qorti u tal-polza mizmuma mal-MSV Life, kif gia' spjegat aktar 'il fuq.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' l-ewwel talba u tddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut, fosthom eccessi, sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu l-esponenti, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Tilqa' s-sitt talba u tiffissa manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' €300 fix-xahar, li
jsir dovut biss fl-eventwalita' li l-attrici ma jkollhiex impieg fiss, liema manteniment
jizdied skond l-gholi tal-hajja.

Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-

manteniment minghand martu;

Tordna li l-manteniment hekk likwidat ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju
jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew
minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess hekk
kif indikat aktar 'il fuq, bin-nomina tan-nutar Clinton Bellizzi sabiex jippubblika l-atti
opportuni, u ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut fl-eventwali
kontumacja fuq l-istess atti;

Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali u
dotali taghha, kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel iz-zwieg u
benefikati li saru fiz-zwieg fi proprjeta' parafernali tal-intimat u dan fi zmien sitt xhur
mid-data li s-sentenza ssir *res* judicata.

Tapplika in toto kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-
Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-komminazzjoni li jitlef kull dritt li jiret lill-
attrici.

Skont rikors datat 18 ta' Jannar, 2021 u d-digriet data 5 ta' Frar, 2021, tawtorizza lill-
attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia Seisun".

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**